MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 193/2013

**A B**

**vs**

**C D f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem***

**ta' binha minuri E D; u**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Preambolu.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

"Dikjarazzjoni tal-Fatti.

1. Illi kellu relazzjoni intima ta' sentejn u nofs mal-konvenuta, mil-liema relazzjoni twieled il-minuri E D nhar il-Hadd, 22 ta' Frar 2009;

2. Illi kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid bin-numru ta' registrazzjoni 831/2009 l-imsemmi minuri gie registrat bhala bin *'missier mhux maghruf'*;

3. Illi nhar is-26 ta' Lulju 2011, l-attur ipprezenta ittra ufficjali *ai termini* ta' l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi ghalkemm il-konvenuta giet notifikata nhar l-10 ta' Awwissu 2011 bl-imsemmija ittra ufficjali, hija ma wegbitx ghall-istess u kwindi qieghda ccahhad lill-attur milli jirrikonoxxi lill-minuri E D bhala ibnu b'dan illi allura necessarjament kellhom jigu istitwiti l-prezenti proceduri;

5. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

6. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru *ai termini* ta' l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex wara illi jsiru t-testijiet xjentifici necessarji, jigi ddikjarat illi l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri E D illi twieled nhar it-22 ta' Frar 2009 u sabiex issir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri billi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jithassru l-kliem *"unknown father*" u minflok jitnizzlu isem u kunjom l-attur A B, imwieled il-Pieta, u dan minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-konvenut Direttur tar-Regsitru Pubbliku.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Previa illi jsiru t-testijiet xjentifici necessarju u abbazi tar-rizultanzi tal-istess tiddikjara illi l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri E D;

ii. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffetwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi E D li jgib in-numru ta' registrazzjoni 831/2009, u sabiex issir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri billi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jithassru l-kliem *"unknown father*" u minflok jitnizzlu isem u kunjom l-attur A B, imwieled il-Pieta' u dan minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni."[1]

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:-

1. "Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri Luca Desira [recte: E D], l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqghu' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lir-rikorrent A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri E D, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled E D. Tali informazzzjoni hija mehtiega biex tigi ebentwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit E D;

3. Illi bla hsara ghal premess, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri E D a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi finalment dejjem, minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux hjigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."[2]

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D:-

1. "Illi fl-ewwel lok mhuwiex minnu dak illi qieghed jallega l-attur illi hu u l-esponenti kellhom relazzjoni intima ta' sentejn u nofs. Di fatti r-relazzjoni taghhom kienet ferm iqsar u ma kinitx teccedi s-sena;

2. Illi l-esponenti tikkontesta wkoll dak illi nghad mill-attur fir-rikors guramentat tieghu fejn qal illi mir-relazzjoni illi l-attur kellu mal-konvenuta twieled il-minuri E D , u dan a bazi tal-fatt illi l-esponenti ghandha dubji fondati dwar min hu verament missier il-minuri u kien propju ghalhekk illi l-imsemmi minuri gie registrat bhala missier mhux maghruf;

---

[1] Fol. 1
[2] Fol. 14

3. Illi l-esponenti ilha f'relazzjoni stabbli mal-'partner' taghha ghal dawn l-ahhar tliet snin u l-minuri jaf lill-'partner' t'ommu bhala missieru u ilkoll jghixu bhala familja flimkien. Mhux biss il-'partner' jittratta lill-minuri E D bhala ibnu, izda anke l-familjari tal-*'partner'* jittrattaw lill-minuri E D bhala ibnu, izda anke l-familjari tal - *'partner'* iqisu lill-minuri bhala missieru;

4. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-attur ipprezenta ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti ma tistax ma tindikax illi din l-ittra giet ipprezentata biss f'Lulju tal-2011, jigifieri sentejn u hames xhur wara t-twelid tal-imsemmi minuri;

5. Illi wara illi giet ipprezentata tali ittra ufficjali, l-attur sahansitra halla aktar minn sentejn ohra qabel ma istitwixxa r-rikors guramentat odjern u dan ma jistax ma jixhitx dubju dwar il-kredibilita' u certezza ta' dak illi qed jallega l-attur;

6. Illi in oltre l-attur qatt ma kien prezenti fil-hajja tal-minuri E D u lanqas qatt ma ipprova jaghmel kuntatt mal-minuri jew ta' lanqas jibghatlu xi kartolina f'gheluq sninu;

7. Illi l-attur ghandu 'record' kriminali u kemm-il darba kien dipendenti fuq id-droga;

8. Illi kemm-il darba il-Qorti takkolja t-talba tal-attur ghal testijiet xjentifici necessarji dawn ghandhom isiru a spejjez tal-attur;

9. Illi fid-decizzjoni taghha din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidra mhux biss l-indizji kollha ta' prova, izda wkoll l-interess suprem tal-minuri fid-dawl tal-hajja familjari illi l-minuri E D qieghed jghix prezentement.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi."[3]

Rat l-affidavit tal-attur.[4]

Rat l-affidavit ta' Mary Grace B u ta' Carmel B.[5]

Rat l-affidavit tal-konvenuta u ta' Julia D.[6]

---

[3] Fol. 17
[4] Fol. 21
[5] Fol. 34

Rat in-nota tal-konvenuta tal-20 ta' Novembru 2013 li permezz taghha indikat l-Artikolu 149 tal-Kap 16 bhala l-artikolu tal-ligi li fuqu hija msejsa l-oggezzjoni principali tal-konvenuta ghat-talbiet attrici.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fil-25 ta' Frar 2014.[7]

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tal-14 ta' Marzu 2014.[8]

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet u decizzjonijiet:-

"l-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex tezercita s-setgha lilha moghtija bis-sahha tal-Artikolu 70A (2) tal-Kodici Civili tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tissosstitwixxi l-kunsens tal-konvenuta C D li ma nghatax u tordna li jsiru testijiet xjentifici necessarji sabiex jigi kjarifikat jekk l-attur hux missier il-minuri E D.

Artikolu 70A li jipprovdi illi:-

*(1) 'Meta tkun mehtiega l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel -*

*(a) il-missier jista' jehtieg lill-omm u lit-tifel;*

*(b) l-omm tista' tehtieg lill-missier u lit-tifel;*

*(c) it-tifel jista' jehtieg liz-zewg genituri; u*

*(d) l-allegat missier naturali jista' jehtieg lir-ragel, lill-omm u lit-tifel.*

*li jaghtu l-kunsens taghhom ghal test gentiku dwar il-paternita' u li jaccettaw li jittehdilhom kampjun genetiku xieraq ghat-test skont id-disposizzjonijiet tal-ligi vigenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li ghandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandha tissostitwixxi l-kunsens li ma inghatax u ghandha tordna li jittiehed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandha tichad it-talba sakemm il-kjarifika tirrizulta f'effett kontrarju konsiderevoli ghall-ahjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx ragonevoli ghal*

---

[6] Fol. 47
[7] Fol. 65
[8] Fol. 70

*dak it-tifel minuri, ukoll meta wiehed  jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li ghandha d-dritt ghall-kjarifika.*

*(4) Persuna li tkun tat il-kunsens taghha ghal test genetiku ta' paternita' u li tkun ipprovdiet kampjun genetiku tista# titlob, li l-persuna li ghandha d-dritt ghall-kjarifika li jkun sar fuqha test ta' paternita' tippermetti l-iespezzjoni tar-rapport ta' dak it-test genetiku ta# paternita jew li tipprovdi kopja tieghu.  Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandha tiddeciedi tilwimiet li jinqalghu minn talba li ssir taht is-subartikolu (1).*

*(5) Ir-rikorsi msemmija f'dan l-artikolu ghandhom jigu decizi permezz ta' digrieti, liema digrieti jistghu jkunu appellabbli skont il-procedura mfissra fl-artikolu 229 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijietipprezentata, tinvoka l-Artikolu 149 u titlob li fid-decizjoni din il-Qorti ghandha tikkonsidra l-ahjar interess tal-minuri peress li wara li spiccat ir-relazzjoni mall-attur bdiet relazzjoni ma’ terza persuna li minnha kellha tifla u li ilhom jghixu flimkien bhala familja (l-konvenuta u l-partner flimkien ma’ binthom u l-minuri E) ghal dawn l-ahhar tlett snin u ghaldaqstant din il-hajja ma ghandhiex tigi disturbata.

**Konsiderazzjonijiet ta' fatt - Provi**

Ikkonsidrat.

***Verzjoni konvenuta***

Il-konvenuta permezz tal-affidavit tghid li ltaqet mal-attur fit-2008 meta kienet ghadha tohrog ma’ ragel iehor.  L-ghada li hassret ma’ dan ir-ragel bdiet relazzjoni mal-attur u hmistax wara indunat li harget tqila u kellha xahar u nofs tqala.  Kienet marret toqghod gol-flat tieghu u ta' spiss kien ikollhom xi jghidu - *'u gieli refa' jdejh fuqi minhabba d-dipendenza tieghu fuq id-drogi.'*[9].  Tghid li l-attur qatt ma mar maghha ghall-viziti waqt it-tqala pero kien prezenti waqt it-twelid.  Wara t-twelid marret toqghod ghand ommha u r-relazzjoni ta' bejniethom bdiet tiddeterjora - *'Hu qatt ma kien jaghtini flus ghal E u mnalla kienu l-genituri illi kienu jmantnu kemm lili kif ukoll lil E.'* [10]

Tinnega li l-familja ta' l-attur qatt talbitha li E ikun *page boy* ghat-tieg ta' oht l-attur. - *'fil-fatt dak iz-zmien jien ma kontx aktar f'relazzjoni mieghu u lanqas biss kien jaghmel kuntatt mieghi jew jitlob sabiex jara lil E.'*

[9] a folio 52
[10] a folio 53

Meta E kellu sena u nofs (u allura f'Awwissu 2010) ltaqghet mall-partner prezenti (Ryan) u wara erba' xhur krew flat u marru joqghodu flimkien. Minn din ir-relazzjoni twieldet tifla. Dwar ir-relazzjoni ta' Ryan ma' E tghid: *'Ryan dejjem wera rispett lejn E u mill-ewwel accettah u qiesu bhala ibnu. In fatti, kemm mieghi u mal-familja tieghu, kif ukoll ma' terzi persuni, Ryan jirreferi ghal E bhala t-tifel tieghu. Ryan dejjem izomm f'mohhu l-gid ta' E u ma jonqosx milli jikkoregieh fejn hemm bzonn. Hu dejjem ikkontribwixxa wkoll finanzjarament...........Ryan juri interess kbir fl-izvilupp holistiku ta' E u in fatti mhix l-ewwel darba illi gie l-parent's day mieghi. Hu jhobb jattendi wkoll ghall-attivitajiet tal-Milied u l-isports day ta' E u jhobb joqghod jaghmel xi crafts tal-iskola ma' E.'*[11]

Fis-nota ta' sottomissjonijiet[12] il-konvenuta waqt li xehtet incertezza u d-dubji jekk l-attur huwiex veru missier E, qajmet il-punt li l-attur dam sentejn u hames xhur sabiex jiftah l-proceduri halli jitlob dikjarazzjoni gudizzjali li hu l-missier naturali ta' E u allura jekk veru kien konvint li E kien ibnu kien messu talab access jew juri affezzjoni lejn it-tifel.

L-konvenuta, fin-nota ta' sottomissjonijiet tibaza l-oggezzjoni taghha li jsiru testijiet xjentifici fuq il-minuri u tinvoka l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *'l-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.'* Tissottometti illi peress li *'l-minuri, li llum ghandu hames snin, sa minn ckunitu l-partner tal-esponenti Ryan accetta lill-minuri u refa' responsabilita' qua missier tal-minuri....wera interess kbir fl-izvilupp holistiku ta' E............l-minuri qed jghix f'ambjent ta' familja,' ...................'fl-ahjar interess tal-minuri, li sahansitra jirreferi ghall-partner tal-esponenti bhala missieru, l-hajja familjari illi fiha qed jghix l-minuri prezentement m'ghandhiex tigi ddisturbata.'*

Julia D, omm l-konvenuta tghid li l-attur kien qallilha li se jaghmilha nanna u kienet hadet xokk kbir u '*niftakarni nghidlu kif jista' jkun meta ghadu bilkemm jaf lil C.'*[13]

Tikkorrobora l-fatti msemmija mill-konvenuta u tghid kif kienet sabet id-droga go kexxun fil-kamra, fid-dar taghha, fejn kienu joqghod l-attur ma' bintha.

Dwar il-paternita' ta' E tghid li dejjem kienet tissuspetta li E mhuwiex iben l-attur u *'dan mhux biss minhabba n-nuqqas ta' affezzjoni u interess illi A kien juri f'E, izda anke tenut kont tal-fatt illi meta C saret taf illi kienet tqila b'E, hi u A kienu ghadhom kemm iltaqhju u ga kellha xahar u nofs tqala.'*[14]

---

[11] ibid
[12] a folio 65
[13] a folio 54

Tghid li meta E kellu sena u nofs (u cioe f'Awwissu 2010) l-konvenuta bdiet tohrog ma' Ryan u '*dejjem nafhom bhala familja. Ryan dejjem ittratta lil E bhala t-tifel tieghu. E jobdi hafna minn Ryan u jsejjahlu 'daddy'.*

***Verzjoni attur***

Fl-affidavit tieghu l-attur jispjega li fi Frar 2008, u cioe meta kellu 23 sena, beda relazzjoni regolari u intima, minghajr l-ebda prekawzzjoni, mall-konvenuta. F'Mejju 2008 il-konvenuta inqabdet tqila. Peress li kien jghix wahdu, l-attur u l-konvenuta kienu jkunu ta' spiss flimkien. Waqt it-tqala kien jakkunpanjaha fil-viziti tat-tabib u meta twieled E fit-22 ta' Frar 2009 hu kien prezenti ghall-hlas flimkien mal-familjari tieghu u l-familjari tal-konvenuta. Wara t-twelied il-konvenuta marret toqghod mal-familjari taghha[15], peress li fejn joqghod l-attur kien hemm xi 60 targa. Kien gie mistoqsi jekk jimpurtax ghalih li t-tifel jigi registrat bhala *'unknown father'* u minghajr ma kien jaf x'kienet id-differenza halla f'idejhom.

Baqghu flimkien ghal xi sentejn ohra u bi prova ta' dan gew ipprezentati xi ritratti li ttiehdu mit-twelid sal-Milied tat-2010 u cioe meta t-tifel kellu sena u ghaxar xhur. Kienu ghamlu xi zmien jghixu flimkien mal-familja tal-konvenuta, pero meta beda jinqala' l-inkwiet l-attur rega' mar jghix wahdu sabiex jevita li tiggrava s-sitwazzjoni - l-konvenuta kienet tmur ghand l-attur u tmur torqod ghand ommha - dan kien sa Mejju tas-sena 2011 meta iggieldu sewwa u thassret ir-relazzjoni. Dak iz-zmien il-minuri kellu sentejn u tlett xhur. Wara li thassret ir-relazzjoni l-attur kien jghaddi xi flus lill-konvenuta bhala manteniment tramite ommu. Jghid li aktar tard sar jaf li t-tifel gie mghammed bil-mohbi tieghu u hemmhekk kien li nqata' wkoll kull kuntatt.

In kontro-ezami[16] l-attur xhed li d-disgwid ta' bejniethom fiz-zmien meta twieled il-minuri kien minhabba li omm il-konvenuta kienet tindahal f'kollox. Jghid ukoll li hu kien jara t-tifel u kien jaghti madwar mija u hamsin ewro fil-gimgha. Jammetti li kellu problema tad-droga dak iz-zmien, pero minhabba t-tifel ghazel li jmur jaghmel programm halli jkun responsabbli ghall-ibnu. Ilu ma jara t-tifel circa sentejn u '*it-tifel kont narah u flus kont intiegh u allura ma kienx hemm ghalfejn niehu passi bil-Qorti f'dan ir-rigward.'*[17]

Xhedu bil-mezz tal-affidavit omm l-attur, Mary Grace B, li waqt li tikkorrobora dak li xehed l-attur izzid li, wara li f'Marzu tal-2008 binha infurmaha li qieghed johrog ma' tfajla bl'isem C, xahrejn wara infurmaha li kienet harget tqila. C kienet tkun ta' spiss maghha l-hanut fejn kienet tahdem '*kienet*

---

[14] a filio 56
[15] dan il-fatt hu ikkoroborat minn omm l-attur fl-affidavit a folio 37
[16] a folio 48
[17] a folio 50

*tigi ukoll id-dar, u ta' spiss kienet ukoll tiekol maghna, kemm id-dar, u kemm meta konna nohorgu lkoll flimkien mal-familja.'*

Meta kienet qieghda l-isptar sabiex twelled, ix-xhud flimkien ma' wliedha kollha kienu l-isptar fil-kurudur jistennew, waqt li A kien fid-*delivery room* hdejn C. It-tarbija twieldet f'xi l-hamsa ta' fil-ghodu u hadu xi ritratti tat-tarbija fl-isptar.

Tghid kif kienet tat hamsin ewro lill-konvenuta sabiex tixtri zarbun lill-E li kien ser joqghod *pageboy* fit-tieg tat-tifla taghha f'April tat-2010, pero gara li l-konvenuta ma haditux it-tieg. Tghid kif kienet tghin finanzjarjament lill-attrici inkluz dwar xi vista ghand it-tabib ghall-E. Tghid hekk: *'sfortunatament, ibni kellu l-problema tad-droga u ghalhekk ma kienx f'pozizzjoni illi jigri wara C biex jara lit-tifel. Imma mbaghad beda programm, u mill-ewwel li beda jirranga, qalilna li hemm bzonn illi jara lit-tifel u kien ghalhekk illi fittixna l-parir tal-avukat.'*[18]

Xehed ukoll permezz ta' affidavit, Carmelo B, missier l-attur u hawn kien hemm korraborazzjoni ma' dak li xhedet martu u dak li xehed l-attur.

Dokument[19] mahrug minn New Hope Caritas Malta - Foundation for the Rehabilitation of Durg Abusers datat 15 ta' Novembru 2013 u guramentat minn Ernest Cherrett jikkonferma li l-attur dahal bhala resident fix-Shelter fid-19 ta' April 2013 u mbaghad dahal fil-programm ta' San Blas fil-4 ta' Gunju 2013.

**Konsiderazzjonijiet**.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet[20] tieghu l-attur jissottometti illi l-Artikolu 149 invokat mill-konvenuta huwa ta' portata generali u ghaldaqstant b'applikazzjoni tal-principju *lex specialis derogat generalis* il-Qorti ghandha tapplika l-Artikolu 70A (2) tal-Kodici Civili u tordna li jittiehed kampjun genetiku minn fuq il-persuna tal-minuri sabiex isir it-test tad-DNA.

---

[18] a folio 38
[19] a folio 46
[20] a folio 70

Mill-provi imressqa jirrizulta li l-minuri trabba mal-attur u ma’ ommu l-konvenuta sakemm kellu ftit anqas minn sentejn. Tronkata permanentement ir-relazzjoni ta’ bejn l-attur u l-konvenuta D waqaf il-kuntatt bejn l-attur u l-minuri. Sadanittant il-konvenuta bdiet relazzjoni ma’ haddiehor li minnu ghandha tarbija ohra u maghhom jghix il-minuri E. Illum E ghandu hames snin u jsejjah lis-sieheb ta’ ommu “papa”.

Il-konvenuta D tesprimi hafna dubji dwar jekk l-attur hux verament il-missier bijologiku tal-minuri E. Ghall-finijiet ta’ din il-vertenza pero’ tali dubji ma humiex rilevanti.

**Artikolu 86 tal-Kap. 16** jipprovdi illi tifel imnissel u mwieled barra z-zwieg jista’ jigi maghruf minn missieru, sew flimkien mal-omm sew wahdu. U f’kaz li l-omm ma taqbilx ma tali dikjarazzjoni, min jippretendi li hu l-missier jista’ jipprocedi b’kawza “biex il-qorti tiddikjara illi min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel….”

**Artikolu 100A** jipprovdi illi:

*'F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi, tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal ezamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.'*

**Artikolu 70A** jipprovdi inter alia illi meta tkun mehtiega l-kjarifika tal-parentela tat-tifel, l-allegat missier naturali jista’ jehtieg lill-omm u lit-tifel li jaghtu l-kunsens taghhom ghal test genetiku dwar il-paternita’ u li jaccettaw li jittehdilhom kampjun genetiku xieraq ghat-test skont id-disposizzjonijiet tal-ligi vigenti. Meta jsir rikors minn persuna li ghandha dritt tikkjarifika, il-Qorti “ghandha” tissostitwixxi l-kunsens li ma inghatax u ghandha tordna li jittiehed kampjun. Sub-inciz 3 jipprovdi dan li gej:-

“Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandha tichad it-talba sakemm il-kjarifika tirrizulta f’effett kontrarju konsiderevoli ghall-ahjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx ragonevoli ghal dak it-tifel minuri, ukoll meta wiehed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li ghandha dritt ghall-kjarifika”.

Ikkunsidrat;

Kuntrarju ghal wild imwieled fiz-zwieg, il-ligi ma tipprovdiex terminu mid-data tal-twelid tal-wild imwieled barra z-zwieg sabiex tigi istitwita kawza ta' paternita'.

Ix-xenarju li l-kawza odjerna tipprezenta huwa ta' wild imwieled minn mara mhux mizzewga li r-registrat il-wild taghha taht "missier mhux maghruf". Jekk dan sarx bil-kunsens tal-attur huwa dibattibbli. Pero' huwa fatt l-minuri twieled fit-22 ta' Frar 2009 u l-attur dam is-snin qabel ipproceda. Huwa ammess mill-istess attur illi fiz-zmein tat-twelid tal-minuri u fl-ewwel snin ta' wara huwa kien mahkum mill-vizzju tad-droga u ghalhekk tali pass ma kienx f'posizzjoni li jiehdu. Jghid li llum issupera din il-problema u ghalhekk ihoss li jista' jibda jerfa' r-responsabbilita' ta' missier. Il-fatt li wara t-twelid tal-minuri l-attur u l-konvenuta D damu jghixu flimkien mal-minuri ghal ftit anqas minn sentejn juri illi kieku riedu setghu irregistrawh fuqhom it-tnejn.

Il-konvenuta D ssostni li llum il-gurnata l-minuri jghix go familja stabbli ffurmata minn C D, il-partner taghha, bintha li missierha huwa l-partner taghha u l-minuri mertu tal-kawza odjerna. D tissottometti illi jekk l-attur jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minuri E huwa ser jigi pregudikat ghaliex il-hajja stabbli tieghu ser tigi sfrattata.

Sabiex il-Qorti tichad talba ta' allegat missier milli jsir stharrig dwar il-paternita' allegata tieghu jehtieg fi kliem l-Artikolu 70A sub-inciz 3 fuq citat jirrizulta illi tali rikonoxximent ser johloq "effett kuntrarju konsiderevoli ghall-ahjar interessi tat-tifel minuri".

Wara li l-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-vertenza b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-minuri, waslet ghall-konkluzzjoni illi tenut kont tal-fatt li fic-certifikat tat-twelid il-minuri huwa indikat u deskritt bil-kliem "unknown father", il-Qorti hi tal-fehma illi ghalkemm llum jirrizulta li l-minuri qed jghix go familja stabbli ffurmata minnu, minn ommu, mis-sieheb taghha u binthom, jibqa' l-fatt li legalment m'ghandux missier. U meta tul hajtu, minn ckunitu sakemm jikber, ser ikun mehtieg li jigi pprezentat ic-certifikat tat-twelid tieghu, jekk is-sitwazzjoni tibqa' dik attwali bil-kliem "missier mhux maghruf", il-minuri ser ikun pregudikat serjament. Fl-ghazla bejn certifikat tat-twelid b'missier mhux maghruf fuq naha u certifikat tat-twelid bl-isem, kunjom u l-konnotati kollha tal-missier fuq in-naha l-ohra, il-Qorti taghzel dan l-ahhar xenarju fl-ahjar interess tal-minuri.

L-omm turi preokkupazzjoni taghha dwar kemm fil-prattika ser ikun ta' gid jekk 'il quddiem il-missier jibda jkollu kuntatt mal-minuri. Ghalkemm dan l-aspett tal-vertenza ta' bejn il-partijiet ma hux il-mertu tal-kawza odjerna, il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-ligi stess tipprovdi li r-rikonoxximent jista' jsir minghajr ma jkun akkumpanjat mis-setgha tal-genitur, jekk ic-cirkostanzi jkunu hekk jirrikjedu fl-ahjar interess tal-minuri. Ir-rikonoxximent ma jwassalx awtomatikament ghad-dritt tal-access, li wkoll jista' jigi michud jekk l-interess tal-minuri jkun hekk jirrikjedi. Anke f'kaz tal-kunjom, il-ligi

tipprospetta illi l-Qorti tista' tordna li r-rikonoxximent ma jwassalx ukoll ghall-bdil fil-kunjom tal-minuri jekk l-interess tal-minurk hekk jirrikjedi.

Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jigi stabbilit jekk l-attur hux verament il-missier bijologiku tal-minuri.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, bis-sahha tal-Artikolu 100A u tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

1) Tordna li jittiehdu kampjuni ghall-finijiet ta' testijiet xjentifici u genetici minn fuq il-persuna tal-attur, tal-minuri E D u tal-konvenuta C D.

2) Tinnomina ghal dan il-ghan lil Dr Marisa Cassar, a spejjez provvizorjament tal-attur, sabiex (a) televa kampjuni minn fuq il-persuna tal-attur, tal-minuri E D u tal-konvenuta C D u (b) tipprepara u tipprezenta rapport tad-DNA.

3) Tordna ghalhekk lill-konvenuta C D sabiex tattendi flimkien mal-minuri Danzel fil-klinika ta' Dr Marisa Cassar fil-jum u hin li jigu lilha indikati minn Dr. Cassar. Il-Qorti tawtorizza lill-Avukati tal-partijiet ikunu prezenti ghal dan l-appuntament. Tordna li mar-rapport tad-DNA jigu prezentati kopja tal-karti ta' l-identita' tal-attur, tal-konvenuta D u ritratt tal-minuri.".

Rat ir-rapport tad-DNA ipprezentat minn Dr Marisa Cassar fil-21 ta' Awwissu 2014 li permezz tieghu gie certifikat illi l-attur A B huwa l-missier bijologiku tal-minuri E D.

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2014 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi u ghalhekk il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Id-difiza principali imressqa mill-konvenuta C D hija fis-sens illi l-attur ma hux persuna affidabbli peress li kellu l-vizzju tad-droga u ghalhekk m'ghandux jiehu l-istatus legali ta' missier il-minuri.

Il-Qorti gia' trattat fit-tul din id-difiza fid-digriet minnha moghti fid-29 ta' Mejju 2014. Tirriafferma l-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet kollha hemm esposti u ghalhekk qed tiddeciedi li jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi l-att tat-twelid tieghu ma jibqax juri 'missier mhux maghruf'. Hija l-fehma ferma ta' din il-Qorti li jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi gialadarba gie ppruvat li l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri, il-kliem 'missier mhux maghruf' jigu kancellati minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri u minflok jitnizzlu isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu bhala l-missier tal-minuri.

**Ligi Applikabbli**.

Il-provvedimenti legali applikabbli ghall-kaz in dizamina huma s-segwenti:-

***86A.*** *(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

*(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.*

***87.*** *(1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.*

***88.*** *It-tagħrif b'iben magħmul minn wieħed mill-ġenituri għandu effett biss għal dak li jagħmlu, u ma jagħti ebda jedd lit-tifel hekk magħruf kontra l-ġenitur l-ieħor.*

***100A.*** *F’kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista’, mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.*

Artikolu 70A jipprovdi dwar it-test xjentifiku tal-paternita’ maghruf bhala t-test tad-DNA.

Ikkunsidrat;

B’digriet tad-29 ta’ Mejju 2014 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tipprepara rapport ta’ DNA. Dr Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA li permezz tieghu iccertifikat li l-attur hu l-missier bijologiku tal-minuri.

Il-konvenuta ma kkontestatx il-konkluzzjonijiet tar-rapport tad-DNA.

Il-Qorti ghalhekk ser tiddikjara illi l-minuri huwa iben l-attur.

Dwar l-ispejjez, tenut kont li l-attur dam aktar milli huwa ragjonevoli sabiex istitwixxa l-proceduri odjerni u tenut kont li l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuta D ma kienux frivoli, il-Qorti ser takkolla l-ispejjez gudizzjarji fuq l-attur.

Dwar il-kunjom, tenut kont li l-minuri llum ghandu hames snin u huwa maghruf bil-kunjom ‘D’ il-Qorti ser tordna li minn issa ‘l quddiem ikun maghruf bil-kujom “D B”.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta C D proprio et nomine u tiddisponi mir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-mod segwenti:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri E D.

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta u tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri E D numru 831/2009 jigu kancellati l-kliem 'unknown father' u minflok jitnizzlu isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu. L-attur qed jinghata zmien gimgha minn din is-sentenza sabiex b'nota f'dawn l-atti notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jindika d-dettalji kollha mitluba fit-tieni paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tinstab a fol. 14 tal-process.

3. Bis-sahha tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-minuri jgib il-kunjom "D B".

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------